# Dgħajjes Ċerimonjali

**Joseph Abela**



Fil-festi u fl-okkażjonijiet speċjali ċ-ċerimonji għandhom sinfikat partikulari li jagħtu dinjità lil min ikun involut. L-Ordni ta' San Ġwann kien magħruf għall-mod ta' kif kien jorganizza l-festi u għall-armar stil barokk. Matul is-sena kien ikun hemm bosta festi kemm dawk ta' natura reliġjuża u kemm dawk profani. Il-Gran Mastru kien ikollu l-mezzi tiegħu tat-trasport biex jattendi għaċ-ċerimonji kemm bil-karozzella kif ukoll bid-dgħajsa ċerimonjali. Din it-tip ta' dgħajsa kienet tintuża biex il-Gran Mastru kien jaqsam minn naħa għal oħra tal-port jew biex jinbarka fuq xi bastiment li kien ikun ankrat 'l hinn mill-art.

L-Ordni kellha tliet tipi differenti ta' dgħajjes għal dan l-iskop u li kienu magħrufa bħala l-Gondla ta' Wignacourt, il-brigantin ċerimonjali u l-felukka li kienet indurata. L-ewwel tnejn kienu jintużaw biss mill-Gran Mastru u l-oħra kienet għall-użu tal-Ġenerall tal-iskwadra tal-galeri li kienu jsorġu bejn l-Isla u l-Birgu. L-Ordni kellu l-protokoll għaċ-ċerimonji fosthom kif u meta għandhom jintużaw. Kienet tingħata importanza kbira ta' kif kienu jinżammu dawn id-dgħajjes ċerimonjali għaliex l-apparenza u l-indafa kienet tirriffletti d-dinjità u serjetà tas-Sovran. Barra minn hekk il-qaddiefa Musulmani ta' dawn id-dgħajjes kienu jxiddu lbies addattat biex iżidu s-serjetà.



Il-Gondla ċerimonjali tal-Gran Mastru Adrien Wignacourt.

Waħda minn dawn id-dgħajjes kienet tissejjaħ il-gondla tal-Gran Mastru Wignacourt għaliex kellha fiha l-*fleur-de-lis* li kienet is-simbolu ta' dan il-Gran Mastru u kienu jgħidulha gondla għaliex kellha r-roti ta' quddiem u ta' wara forma tonda n-naħa ta' fuq. Din il-gondla ta' lewn abjad u bil-faxx aħdar kellha kabina eleganti propju fin-nofs. Din il-kabina tal-injam kienet skulturata u indurata bil-folji tad-deheb. Is-saqaf kien miksi bil-ġilda u kellu sapport tal-injam forma ta' salib u fuq nett kien hemm sfera. Kellha bieb li kien iħares lejn il-pruwa u ġewwa għandha bankijiet fil-ġnub u wara tal-kabina. L-art kienet interzjata u b'disinji ġeometriċi u bil-*fluer-de-lis*. Iċ-ċinta taż-żaqq mill-pruwa sal-poppa kienet dekorata bl-iskultura u bl-induratura. Din id-dgħajsa kienet attrezzata b'żewġ fillieri mqafef fuq kull naħa. Il-binja tagħha hija l-istess bħal tad-dgħajjes tradizzjonali jiġifieri bi prim dritt bil-majjieri u bl-istamnari.

Il-qoxra l-oħra kienet tissejjaħ il-Brigantin ta' Vilhena għaliex kellha karatteristiċi ta' brigantin. Din id-dgħajsa għandha xprun u pulena żgħira fil-pruwa u għandha wkoll il-falki fissi li minnhom joħorġu l-imqadef. Il-kabina f'dan il-każ qiegħda lejn il-poppa u hija wkoll iddekorata. Kien hemm passaġġ fin-nofs mill-pruwa sal-kabina u fuq kull naħa tal-passaġġ kien hemm il-bankijiet tal-qaddiefa li kienu jħaddmu disa' mqadef kull naħa. Fil-poppa hemm speċi ta' estenzjoni li minnha jgħaddi t-tmun bil-laċċ, li kienet karatteristika tal-brigantin. Din id-dgħajsa kellha żewġ arbli li kellhom qlugħ Latin. Peress li din il-qoxra kienet baxxa ma kinitx tagħmel vjaġġi fit-tul u barra minn hekk ma kienx hemm spazju għall-proviżjon.

It-tielet dgħajsa ċerimonjali kienet din li kienet assenjata lill-Ġeneral tal-Iswadra tal-Galeri u din kienet il-felukka. L-għamla ta' din il-qoxra tixbah lill-wejliet li kienu jġorru l-fregati Ingliżi u kellha wkoll il-falki.

Kienet attrezzata b'żewġ arbli però l-aktar li kienu jintużaw kienu l-imqadef. Il-qafas tagħha kien mibni bħal tad-dgħajjes tradizzjonali jiġifieri bil-majjieri u bl-istamnari fuq prim dritt. Kellha kabus lejn il-poppa li kien ikun miksi bid-damask aħmar. Il-felukka kienet miżbugħa ħamra u xi partijiet minnha kienu indurati u meta kienet tkun sorġuta l-Birgu kienu jgħattuha bil-kanvas biex jipproteġu d-dekorazzjonijiet mill-elementi. Il-Ġeneral kien jużaha meta ried jaqsam mill-Birgu għall-Belt u kull meta kien ikollu xi mistidnin. Kull meta l-Ġeneral tal-Iskwadra tal-Galeri kien jirkeb il-felukka kien itajjar l-Istandard tal-Ordni li kien salib abjad fuq sfond aħmar.

Bosta minnha jiftakru l-bażi navali Ingliża li kellha fergħat fl-Isla. Beltna kienet tkun imdawra bil-bastimenti tan-navy li kienu joħolqu ħafna postijiet tax-xogħol kemm b'mod dirett kif ukoll indirett. L-aċċess għal uħud minn dawn il-bastimenti kien isir permezz tal-baħar għaliex kienu jorbtu mal-baġi. Għal xi żmien fil-Port il-Kbir kien hemm ir-residenza uffiċjali tal-Ammirall ġewwa Villa Portelli u kemm fuq il-Forti Sant'Anġlu u kemm fuq Lascaris kienet tittajjar il-bandiera tal-Ammirall li kienet salib aħmar fuq sfond abjad. Għalhekk l-Ammirall kien ikollu jagħmel użu mil-lanċa tiegħu li kienet magħrufa bħala *Admiral's Barge*. Fil-bażijiet navali kienu jkunu assenjati dawn il-laneċ partikulari li minbarra l-Ammiralli kienu wkoll iġorru mistidnin distinti. Barra minn hekk kull bastiment kapitali li kien ikun il-*flagship* tal-iskwadra jiġifieri kien ikollu imbarkat Ammirall kien iġorr miegħu l-lanċa ta' dan l-uffiċjal għoli. Il-jott irjali *Brittania* kellu l-*barge* li kien riservat għar-Reġina kull meta kienet tagħmel xi żjara statali f' xi pajjiż li kien jospitaha.

Dawn il-laneċ kienu jżommu b'mod impekkabbli speċjalment ir-ram u l-injam ileqq bil-verniċ. Ġeneralment iż-żaqq tagħhom kienet ta' lewn blu bil-*waterline* aħmar skur u fuq il-pruwa fuq kull naħa kien hemm miżbugħa il-bandiera tal-Ammirall. Il-kabini kienu bojod jew mogħtija l-verniċ u l-kabina tal-Ammirall kienet tkun imżejna b'żewġ dniefel magħmula tradizzjonalment mir-ram. Kien hemm ukoll il-lanċa tal-Viċi Ammirall u dik tar-*Rear Admiral* li kellhom kuluri differenti biex jintgħarfu. Fl-antik dawn il-laneċ li kienu jaħdmu bl-istim kien ikollhom ċumnija tar-ram li kienet tiddi daqskemm kienet tkun illustrata.

L-*Admiral Barges* li kienu allokati fil-Port il-Kbir kienu jsorġu fil-menqa ta' Sant'Anġlu. Kull meta kienu jintużaw il-baħrin tagħhom kienu jagħmlu *drill* kull meta jimbarkaw u jisbarkaw l-Ammirall permezz tal-*boathook*. Meta n-Navy Ingliża għalqet il-bażi f'Malta l-aħħar lanċa tal-Ammirall għaddiet għand il-Gvern Malti u peress li ma kienx hemm użu għaliha tħalliet abbandunata għal żmien twil fuq l-islippi tal-Gżira Manoel. Illum ma baqax minn dawn il-laneċ man-Navy Ingliża għaliex iż-żminijiet inbiddlu, il-flotta ċkienet bil-bosta u anki għal raġunijiet ta' ekonomija.

Fi żmienna kull meta l-Gvern Malti jkollu xi mistidnin distinti u jittieħdu għal dawra mal-Port il-Kbir l-Iskwadra Marittima tipprovdi waħda mill-*patrol boats* għal dan l-iskop. Dawn il-*patrol boats* huma addattati għal dawn il-funzjonijiet u jtajru l-istandard jew bandiera li turi l-personaġġ distint li jkun abbord. Kull meta l-*patrol boats* jintużaw għaċ-ċerimonji l-ekwipaġġ jilbes uniformi apposta filwaqt li l-laneċ jiżżejnu bil-bnadar.



L-Ammiral O.N.A. Cecil jidher mal-*barge* tiegħu.


• Maid Service / Domestic / Office / Industrial Cleaning
• Caravan / Boats Cleaning • First Time Cleaning
• Power Washing / Road Sweeping / Aerial Removal
• Carpet / Sofa / Window Cleaning
• Cleaning after Events / after Floods / Fire Damage
• Handymen Service • Waste & Bulky Refuse Removal

racs CLEANING

www.racscleaningmalta.com

mob: 7928 0065
e-mail: info@racscleaningmalta.com

**Ronald Attard**
*Director*

Triq l-Għassies,
M'Scala - MSK 3727